14 ta' Diċembru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Joseph Soler ne. *versus* Wilfred Podestà ne.

## War Damage Commission — Appell — Dekorrenza tat-Terminu

*It-terminu għall-appell minn deċiżjoni tal-War Damage Commission jibda jgħaddi minn meta dik id-deċiżjoni tkun finali. Deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni li biha l-istess Kummissjoni tirrifjuta li terġa' tiftaħ u tikkunsidra l-kwistjoni ġa minnha deċiża qabel, mingħajr ma tagħti raġunijiet għaliex tirrifjuta li tirrivedi d-deċiżjoni minnha meħuda qabel, u mingħajr, għalhekk, ma terġa' tiftaħ il-kwistjoni, ma tagħtix lok għad-dekorrenza tat-terminu għall-appell, imma dan kien beda jiddekorri mid-deċiżjoni preċedenti. U għaldaqstant, jekk minn meta ġiet mogħtija l-ewwel deċiżjoni sa meta sar ir-rikors tal-appell, it-terminu kien għadda, l-appell huwa irritu u null.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors tal-imsemmi Avukat Dr. Joseph Soler, bħala eżekutur testamentarju ta' Carmelo Calleja u, jekk ikun hemm bżonn, l-Avukat Dr. Giovanni, Riccardo, u Maria Assunta mart Carlo Soler minnu assistita, aħwa Calleja, li, wara li qalu illi fuq il-"claim" nru.

6899/3855/43, relattiv għall-fond No. 30 Oratory Street Senglea, il-War Damage Commission, b-ittra tagħha tas-6 ta' Awissu 1956, infurmat lill-perit Barbara li ma kellhomx x'iżidu wara r-risposta ġa mogħtija lill-Avukat Dr. Giovanni Calleja fil-11 ta' Ġunju 1956, li ċjoè l-Kummissjoni ma tieħux in konsiderazzjoni d-danni fil-post fuq imsemmi sussegwenti għax-xita qawwija tal-21 ta' Ottubru 1951, u bbażat din id-deċiżjoni tagħha fuq il-Press-Notice nru. 5 tal-1951, li kopja tagħha qegħedha unita mar-rikors dok. A, peress li skond il-fehma tal-Kummissjoni l-"claim" għal kumpens għall-ħsarat kawżati mix-xita ma kienx ammess, jekk ebda avviż ma jkun ġie mogħti lill-istess Kummissjoni qabel jitneħħa l-perikolu mill-ħsara tal-bini wara dik ix-xita; u illi l-imsemmi perit, b'ittra tiegħu tat-2 ta' Lulju 1956, ġustament sostna illi dak il-Press Notice jirrigwarda biss il-kumpens għar-riparazzjoni tal-perikolu imminenti, u għalhekk ippreżenta "schedule of works"................; u "waqt li jagħmlu riferenza għad-dokumenti li jeżistu fil-"files" tal-War Damage Commission rigward il-"claim" nru. 6899/3855/43, talbu illi l-War Damage Commission tiġi kundannata, prevja revoka tad-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Awissu 1956, li tieħu in konsiderazzjoni l-"claim" tal-esponenti għall-kumpens għat-tiswija finali tad-danni kaġunati mix-xita tal-21 ta' Ottubru 1951 fil-fond in kwistjoni; bl-ispejjeż kontra l-istess Kummissjoni;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tal-intimat Wilfred Podestà ne., li oppona li l-appell huwa null għax magħmul barra t-terminu legali;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-ewwel paragrafu tal-parti espożittiva tar-rikors, l-appell preżenti huwa relattiv għad-deċiżjoni kontenuta fl-ittra tal-War Damage Commission tas-6 ta' Awissu 1956 (fol. 20). Din l-ittra, indirizzata lill-perit Barbara, tgħid hekk: — "With reference to your letter of the 2nd. July, 1956, relating to the tenement at no. 30,

Oratory Street, Senglea, I am instructed to inform you that there is nothing to add to the decision already communicated to Dr. Calleja, LL.D., by this office letter dated 11th June, 1956";

Kopja ta' din l-ittra tal-11 ta' Ġunju 1956 tinsab eżibita fil-fol. 18 tal-proċess, u ġiet indirizzata lill-appellant Dr. Calleja. It-tenur tagħha huwa dan li ġej:— "With reference to your letter of the 6th. March, 1956, relating to the tenement at no. 30, Oratory Street, Senglea, I am to inform you that M.W.R. Press Notice no. 5/51 should, in the first instance, have been complied with. 2. I am instructed to add that ample time had lapsed between the appearance of the danger concerned and its removal to allow verification by an inspection";

Qabel dik l-ittra tal-11 ta' Ġunju 1956, il-War Damage Commission bagħtet lill-istess Dr. Calleja ittra oħra fid-9 ta' Jannar 1956 (fol. 15), responsiva għal dik tat-28 ta' Diċembru 1955 (fol. 14). F'din l-aħħar ittra Dr. Calleja ilmenta li kien sar jaf minn għand il-perit tiegħu li l-War Damage Commission irrufjutat li tieħu in konsiderazzjoni "a costing for making good damages sustained during the heavy rains of October 1951", u, wara li attiralhom l-attenzjoni li l-ħsara kienet għadha fl-istess stat li kienet meta ġrat, u li l-inkwilini setgħu wkoll jikkorroboraw dan, spiċċa biex qal li "it would, therefore, be appreciated if you review the case in the above light at your earliest convenience";

Għal din l-ittra tat-28 ta' Diċembru 1955 il-War Damage Commission irrispondiet b'dik tad-9 ta' Jannar 1956 (fol. 15), fejn jingħad:— "In the circumstances obtaining, which were communicated to claimant's architect on the 28th. June, 1954, the Commission are not justified in reconsidering the matter";

Ikkunsidrat;

Illi mill-kompendju tal-fatti kif ġraw, fuq elenkati, jidher li bl-ittra tas-6 ta' Awissu 1956 (fol. 20) il-Kummissjoni ma għamletx ħaġ'oħra ħlief infurmat lill-perit ta' l-appellant Dr. Calleja li ma kellha xejn x'iżżid "to the decision already

communicated.............. by this office letter dated 11th. June, 1956". Id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni kienet għalhekk, dik lilu kommunikata bl-ittra tal-11 ta' Ġunju 1956; u non ostante l-ittra lilha ndirizzata fit-2 ta' Lulju 1956 (fol. 19), l-istess Kummissjoni rrifjutat li terġa tiftaħ u tikkunsidra l-kwistjoni, kif jidher mill-ittra tagħha tas-6 ta' Awissu 1956 (fol. 20). Iżda, billi l-Kummissjoni ma riedetx tagħmel hekk, ma jfissirx li d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni kienet dik kontenuta fl-istess ittra tas-6 ta' Awissu 1956; billi d-deċiżjoni hemm kontenuta kienet dik li tirrifjuta li tirrivedi deċiżjoni meħuda qabel, mingħajr ma żiedet raġunijiet oħra għaliex kienet ittieħdet, u mingħajr, għalhekk, ma reġgħet infetħet il-kwistjoni (ara sentenzi ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1950 in re "Pisani vs. Mallia ne."; tat-13 ta' April 1951 in re "Degiorgio vs. Mallia ne."; u "Dr. Calleja vs. Podestà ne." mogħtija l-lum stess);

Illi għalhekk, mill-imsemmija data tal-11 ta' Ġunju 1956 sal-5 ta' Settembru 1956, data tal-preżentata tar-rikors da parti tal-appellanti, kien skorra ż-żmien utili għall-appell mill-imsemmija deċiżjoni tal-War Damage Commission, kontenuta fl-ittra fuq indikata tal-11 ta' Ġunju 1956;

Għaldaqshekk tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.